MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 317/2007

**Public Broadcasting Services Limited (C13140)**

**Vs**

**Geres Health & Fitness Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' April 2007, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn sitt mija u tmienja u sebghin Euro u tmienja u sebghin Euro centezmi (€2678.78) ekwivalenti ghal elf mija u hamsin Liri Maltin (Lm1150) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-interessi.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u

b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-30 ta’ April 2008, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elfejn sitt mija u tmienja u sebghin Euro u tmienja u sebghin Euro centezmi (€2678.78) ekwivalenti ghal elf mija u hamsin Liri Maltin (Lm1150), bl-ispejjez kollha u bl-interessi kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------